MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1172/2005

**Jamesco Trading Company Limited C-17196**

**Vs**

**Svetlana Vassallo**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ mitejn u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm231.92c) rapprezentanti hlas ghal prodotti medicinali mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta.
Il-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba u ta' l-Ittri Bonarji datati 22 t'April, 2005 u 3 ta' Mejju, 2005 u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta Svetlana Vassallo, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Nadia Vella tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm231.92c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------